MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 541/2007

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs**

**Kosmipharma Imports Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, tlett mija, tmienja u hamsin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1358.82) *ossia* (Lm583.34), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma` *mobile phone* bin-numru 9946 4494.

Is-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta` qbid ipprezentat f’April, 2007 u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-7 ta’ Jannar, 2008, mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------